**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 05/11 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | | |
| **Data** | 02/06/2011 fis-6.50pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Assenti minħabba safar |
| | | Camilleri Claude | Preżenti |
| | | Darmanin Richard | Assenti |
| | | Fenech Stephanie | Assenti minħabba xogħol |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistant Prinċipal Caroline Schembri | |

**05. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 05. 1. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Seychell | **Il-Minuti 04/11 inqraw u ġew approvati nem.con. Għal din il-laqgħa ma kienx hemm korrezzjonijiet.** | |
| 05. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**05. 2. Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 05. 2. 1 | 04.2.1 | Sindku: Ħajt perikoluż mal-ġenb tal-Knisja Madonna tal-Ħniena | Is-Sindku staqsa lis-Segretarjat jekk kienx hemm progress dwar il-ħajt perikoluż mal-ġenb tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena. Is-Segretarjat spjega li ma kienx hemm progress. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jibgħat reminder lill-Pulizija sabiex din tipproċedi bil-Qorti. | Segretarjat |
| 05. 2. 2 | 04.2.2 | Sindku: Skema Awtorita' tad-Djar | Il-Kunsill qed jinsisti li sakemm m'hemmx strutturi li qed jagħmlu ħsara lill-bjut, kollox għandu jibqa' kif inhu. | Sindku Viċi-Sindku |
| 05. 2. 3 | 04.2.3 | Sindku: Survey | Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-survey beda u sejjer tajjeb ħafna. | Sindku Viċi-Sindku |
| 05. 2. 4 | 04.2.4 | Sindku: Leaflets bi promozzjoni għall-korsijiet | Camilleri informa lill-Kunsill li l-leaflets dwar il-korsijiet mhejjija minn TCTC diġa' bdew jitqassmu. Is-Segretarjat spjega li l-leaflets bl-attivitajiet u l-korsijiet tal-Kunsill ser jibdew jitqassmu minn għada. | Viċi-Sindku Camilleri |
| 05. 2. 5 | 04.2.5 | Sindku: Kontijiet Kunsill Malti għall-Isports | Is-Sindku staqsa jekk daħlux il-kontijiet mill-Kunsill Malti għall-Isports rigward il-Fiera ta' l-Isports li saret f'Marzu. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Fenech |
| 05. 2. 6 | 04.2.6 | Sindku: Tfal Jadottaw Anzjan | Is-Sindku rraporta l-proġett 'Tfal Jadottaw Anzjan' li ġie varat nhar l-25 ta' Marzu ġewwa Żejtun Day Centre. Bħalissa qed jinkitbu kemm tfal kif ukoll anzjani li jixtiequ jieħdu sehem f'dan il-proġett. | Viċi-Sindku |
| 05. 2. 7 | 04.2.9 | Sindku: Billboard - Il-Festa Magħna | Is-Sindku informa lill-Kunsill li għada 3 ta' Ġunju ser jittella billboard fid-daħla taż-Żejtun (fejn is-sinjal Merħba Żejtun) bil-promozzjoni għall-attivita' "Il-Festa Magħna". | Sindku Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 2. | 8 | 04.2.10 | Sindku: Misraħ Indipendenza | B'dispjaċir il-Kunsill jinnota li ma kienx hemm żviluppi dwar Misraħ Indipendenza. | Sindku |
| 05. | 2. | 9 | 04.2.12 | Wille Piscopo: Tabella sabiex ma jintefax skart | Wille Piscopo talbet lill-Kunsill sabiex issir tabella fi Triq Delimara li tindika li ma jistax isir tfiegħ ta' skart. **Il-Kunsill qabel.** | |
| 05. | 2. | 10 | 04.2.13 | Sindku: Inawgurazzjoni taż-Żejtun Corinthians | Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar il-31 ta' Mejju ġie inawgurat il-bini taż-Żejtun Corinthians mill-E.T. Dr George Abela. Is-Sindku innota li kien hemm attendenza tajba min-naħa tal-Kunsilliera. Waqt l-inawgurazzjoni is-Sindku ippreżenta l-pjanti oriġinali tal-post. Il-quddiem, bi ftehim mas-segretarju tal-Corinthians l-Onor. Carmelo Abela, ser issir plakka komemorattiva li l-binja itteilgħet mill-Kunsill Lokali. | |
| 05. | 2. | 11 | 04.2.15 | Wille Piscopo: Attivita' Vittmi tal-Gwerra | Wille Piscopo ssuġġeriet sabiex sena oħra tingħalaq it-triq għal karozzi sabiex jiġi evitat li jkun hemm dewmien tat-traffiku fil-Pjazza. | Seychell |
| 05. | 2. | 12 | 04.2.16 | Seychell: Sleeping policeman fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Seychell ippropona li ssir sleeping policeman tar-rubber flok dik eżistenti fi Triq id-Daħla ta' San Tumas. Din sabiex tkun iktar effettiva. Camilleri fakkar fl-isleeping policeman li kellha issir fi Triq Santa Marija qabel Sqaq San Isidoru. | Sindku |
| 05. | 2. | 13 | 04.2.17 | Camilleri: Outdoor gym & walking track | Camilleri staqsa xi ħsieb hemm għal outdoor gym u walking track. Is-Sindku qal li dawn ser isiru aktar 'il quddiem jekk ikollna finanzjament u għalhekk ser jinġiebu estimi. | |
| 05. | 2. | 14 | 04.3.2 | Sindku: Rapport fuq il-playingfields taż-Żejtun | Is-Sindku talab lis-Segretarjat sabiex jerġa' jikteb dwar ir-rapport li għad m'għandux il-Kunsill rigward il-playing fields fiż-Żejtun. Dan peress li s'issa r-rapport li hemm huwa dak nazzjonali. | Segretarjat |
| 05. | 2. | 15 | 04.6.1 | Sindku: Triq President A. Buttiġieġ | **Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jikteb lill-TM dwar Triq President A. Buttiġieġ peress li baqa' mingħajr risposta. Fejn ċediet it-triq għandha tissewwa minn TM minħabba l-fatt li din saret triq arterjali/distributorja. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb ukoll lill-TM għall-periklu li hemm fi Triq tal-Barrani kantuniera ma' Triq President A. Buttiġieġ. Infatti kien hemm tliet inċidenti tat-traffiku.** | Segretarjat |
| 05. | 2. | 16 | 04.8.1 | Segretarjat: Appell L & A Camilleri | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li s'issa għad ma rċeviex id-deċiżjoni finali tal-Bord ta' l-Appell rigward Tender 01/11. Jidher ukoll li minkejja is-segretarju prova jġib informazzjoni dwar meta ser toħroġ din id-deċiżjoni, mhux il-partijiet kollha jidhru li nfurmati li l-Kunsill diġa' ta x-xhieda tiegħu f'dan l-appell. | |
| 05. | 2. | 17 | 04.10.11 | Wille Piscopo: Patching | Wille Piscopo talbet sabiex isir il-patching ta' ħofra kbira fi Triq Kanonku de Domenico. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05. 2. 18 | 04.10.17 | Sindku: Trasport Pubbliku mill-Kumpanija Arriva | Is-Sindku spjega li l-laqgħa li kellha ssir illum dwar ir-rotot il-ġodda, ġiet postposta għal ġimgħa d-dieħla. Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta r-rotot il-ġodda li huma nri. 81, 124, 135 u kif ser jeffettwaw ir-residenti Żwieten. Il-Kunsill innota li r-rotta diretta ta' Mater Dei kif ukoll ic-circular bus taż-Żejtun tneħħew. In-nuqqasijiet li ġew nnutati ser jiġu diskussi waqt il-laqgħa li ser issir biex b'hekk ir-residenti kollha jkunu moqdija bis-servizz 'il ġdid. F'każ li l-Kunsill ma jilħaqx ftehim, ma jkollux triq oħra ħlief li joħroġ stqarrija f'dan ir-rigward. | Sindku |

05. 3. **Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/11. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 3. 1 | 01 | MEPA: PA 273/11 | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan l-iżvilupp jinsab fil-village core.** | Sindku |
| 05. 3. 2 | 10 | Perit Anthony Muscat: Ħsara fuq il-water culvert fi Triq il-Labour | Il-Kunsill innota li saret laqgħa mad-Dipartiment tad-Drenaġġ dwar il-ħsara fil-water culvert fejn qed isir l-iżvilupp ta' Alex Mercieca fi Triq Labour. | |
| 05. 3. 3 | 13 | Sindku: Ftuħ ta' wine bar fi Triq Santa Katarina | Il-Kunsill innota li qatt ma ra permess tal-Mepa għal kunsiderazzjoni tiegħu għal wine bar fi Triq Santa Katarina. | |
| 05. 3. 4 | 14 | L. Abela: Furnelli minn barriera li qed jaffettwa d-djar fi triq Falkunier | Il-Kunsill qabel li r-residenti ta' Triq Falkunier u l-inħawi li qed jiġu effettwati mill-furnelli tal-barriera li hemm fuq wara ta' dawn ir-residenzi, għandhom jieħdu parir ta' Perit. | |
| 05. 3. 5 | 16/18 | Segretarju Eżekuttiv: Approvazzjoni tal-Kunsill | **Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv għandu l-approvazzjoni sabiex jiddisponi minn camera, money detector u CD drive propjeta' ta' l-istess Kunsill. Dawn l-oġġetti ġratilhom ħsara u ġew sostitwiti b'oħrajn ġodda.** | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. 3. 6 | 19 | MRRA: Ħaddiema tal-Gvern sekondat mill-Kunsill | Il-Kunsill ġie infurmat li l-ħaddiema tal-gvern li kienu sekondati mal-Kunsill ittieħdu lura mill-MRRA. | |
| 05. 3. 7 | 21 | K. Parker: Użu tal-Ġnien San Girgor | **Il-Kunsill approva li Parker tagħmel użu mill-Ġnien San Girgor għal picnic ta' madwar 15 -il ruħ fil-11 ta' Ġunju bejn is-6 u d-9pm.** | |
| 05. 3. 8 | 23 | Dorianne & Neville:- Użu ta' Ġnien Luqa Briffa | **Il-Kunsill approva li Dorianne u Neville jagħmlu użu minn Ġnien Luqa Briffa nhar it-2 ta' Ġunju 2012 bejn il-5.30pm u s-6.30pm għal riċeviment żgħir ta' tieġ.** Il-Kunsill ser jieħu inkunsiderazzjoni xi spejjeż relatati li jista' jkun u jgħarraf bihom lill-koppja. | |
| 05. 3. 9 | | Sindku: Stedina minn Radju Marija | Is-Sindku u l-Kunsillier Pace ser jattendu għal stedina li saritilhom nhar it-13 ta' Ġunju fuq programm ta' Radju Marija. | |

05. 4. **Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 05. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/11 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 05/11 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 05. 4. 2 i | 135/136 | **Il-Kunsill qabel li ma jħallasx il-kontijiet kollha tal-Wasteserv li jikkonċernaw it-tipping fees. Dan skond struzzjonijiet ta' l-AKL.** | | Segretarjat |
| 05. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 05/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 05. 4. 4 | | Petty Cash - Mejju 2011 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista tal-petty cash ta' Mejju 2011 hekk kif preżentata, li kien jammonta għal €229.34.** | Segretarjat |

**05. 5. Approvazzjoni ta' l-istima tax-xogħol mill-WSC għall-Proġett tal-PPP**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 5. 1 | | Sindku: Stima | Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill l-istima tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma għat-toroq li ser isiru taħt l-iskema tal-Public Private Partnership. L-istima hija ta' €21,500. **Il-Kunsill approva din l-istima.** | Sindku |

**05. 6. Public Private Partnership Tender**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 5. 6. 1 | | Sindku: Kuntratturi li ssottomettew it-tender tal-PPP | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Perit ta' Polidano, għalkemm ikkuntattjat kemm -il darba, baqa' ma tax risposta lill-Kunsill. Fuq parir tal-Kunsillier Pace, **il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra bil-miktub dwar dan lil Polidano Group. Jekk il-Kunsill jibqa' bla risposta, ma jkollux triq oħra ħlief li jibda x-xogħlijiet ma' Philip Agius.** | Sindku |

**05. 7. Il-Festa Magħna**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 7. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-għaqdiet lokali li ser jieħdu sehem waqt l-attivita' "Il-Festa Magħna" huma: youths@local, Għaqda Mużikali Beland, Għaqda Banda Żejtun u ż-Żejtun Corinthians. Din ser issir nhar l-10 ta' Ġunju fil-għaxija ġewwa Misraħ Girgor Bonici, bil-parteċipazzjoni tal-banda tal-Mro. Joe Brown. | Sindku<br>Viċi-Sindku |

**05. 8. Quarterly Financial Report**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05. 8. 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Rapport dettaljat | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena finanzjarja (Jannar-Marzu 2011). Ingħata rapport dettaljat dwar id-dħul u l-infiq. L-ewwel kwart tas-sena għalaq b'bilanċ pożittiv ta' €18,000 li ser jagħmlu tajjeb għall-ispiża tal-proġett tal-PPP. | |
| 05. 8. 2 | | | **Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport finanzjarju ladarba l-Kunsill approva dan ir-rapport.** | |

**05. 9. Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 9. 1 | | Il-mozzjoni ta' Hales tħalliet għal-laqgħa li jmiss. | | |

**05. 10. Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 10. 1 | | Sindku: Kiosks tal-Festa | Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-każ tal-ħanut Best Play li jixtieq jarma imwejjed quddiem il-ħanut. Il-Kunsill innota li l-permess tal-wines & spirits jingħata mill-MTA. Sid il-ħanut tal-Best Play intalab mill-MTA iġib il-kunsens tal-Kunsill Lokali sabiex l-MTA tkun tista' toħroġ il-permess ta' wines & spirits. Il-policy tal-Kunsill hija li min għandu ħanut ser jingħata permess sabiex jarma l-imwejjed. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel li l-ħanut Best Play għandu jipproduċi applikazzjoni u/jew kopja ta' permess sabiex jinħariġlu l-permess għall-imwejjed.** | Sindku |
| 05. 10. 2 | | Fenech: Attivitajiet Sotto Kumitat ~~tal-Familija~~ Żgħażagħ u Sport | Fenech bagħtet ittra lill-Kunsill sabiex japprova li ssir taste dive nhar is-sibt 23 ta' Lulju f'tas-Sliema filwaqt li jerġa' jiġġedded il-ftehim mal-Health Promotion Dept. għal sezzjonijiet b'xejn ta' l-aerobics. **Il-Kunsill approva nem.com** | Fenech |
| 05. 10. 3 | | Sindku: Vodafone Group | Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill it-talba tal-kumpanija Vodafone sabiex nhar it-23 ta' Ġunju jarma l-mobile unit. Il-Kunsill laqa din it-talba. Għandhom isiru il-permess u l-ħlas meħtieġa. | Segretarjat |
| 05. 10. 4 | | Seychell: Kompetizzjoni ta' l-Inbid | Seychell fakkar lill-Kunsill fl-għaxar edizzjoni tal-kompetizzjoni ta' l-inbid li ser issir nhar it-8 ta' Lulju. Għal din l-okkażjoni ser tingħata tazza komemorattiva lill-parteċipanti. Għal din l-attivita' ser ikun mistieden il-kantant/kitarrista Walter Micallef. Seychell talab sabiex isir festun tad-dawl u tittella l-fridge ġewwa l-Ġnien San Girgor. | Seychell |
| 05. 10. 5 | | Seychell: Festa ta' l-Għana | Seychell informa lill-Kunsill li l-festa ta' l-għana b'tifkira ta' Frans Baldacchino (il-Budaj) tħassret. | Seychell |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05. | 10. 6 | Seychell: Bolla tal-Budaj | **Il-Kunsill approva x-xiri ta' bolol ta' Frans Baldacchino (il-Budaj) kif ukoll ix-xiri ta' l-istess bolol u envelops tal-Kunsill mill-Grupp tal-Filatelija.** | Seychell |
| 05. | 10. 7 | Seychell: Patching | Seychell talab għal patching fi Triq Dun Spir Grixti filwaqt li Camilleri talab għal patching ta' ħofra mar-roundabout ta' Triq Xrobb l-Għaġin k/m Triq President Anton Buttiġieġ u kif ukoll Triq Ħal Tarxien. Is-Sindku talab sabiex dawn it-toroq jitniżżlu fil-lista tat-toroq għal patching. | Sindku |
| 05. | 10. 08. | Seychell: Sinjal ta' Zebra crossing | Seychell reġa' fakkar lill-Kunsill sabiex jitwaħħal is-sinjal taz-zebra crossing nieqes wara l-Knisja Parrokkjali. | Sindku |
| 05. | 10. 09. | Camilleri: Mera tat-traffiku | Camilleri talab sabiex issir mera għad-dħul u l-ħruġ ta' 12-il garaxx fi Triq Bugħarbiel. | Sindku |
| 05. | 10. 10. | Camilleri: Stop Sign | Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar stop sign li ma sarx fi Triq Ħubbejża k/m Triq Marrubja. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 30 ta' Ġunju, 2011 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00p.m.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI
ŻEJTUN
Città Beland